MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Numru 13/2004

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Godfrey Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 13 tas-sena 2004, kontra l-akkuzat Godfrey Ellul, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-perjodu ta' bejn Dicembru tas-sena elfejn u wiehed u s-sittax ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn, Godfrey Ellul iddecieda li jaghtiha ghat-traffikar tad-droga kokajina billi jipprokuraha ghan-nom ta' haddiehor, iforniha, ibieghha lil terzi jew jaqsamaha ma' haddiehor.

Godfrey Ellul kien jittraffika l-imsemmija kokajina fl-imsemmi perjodu principalment fir-residenza tieghu gewwa San Giljan, Triq San Gorg. Fost persuni ohrajn li t-traffikar tal-kokajina da parti ta' Godfrey Ellul kien ikopri,

kien hemm Irina Nigarokua, Jesmond Vella u Victoria Burdassova.

U fil-hmistax ta’ Lulju tas-sena 2002, il-Pulizija, anke wara perjodu ta’ sorveljanza li kienet ghamlet fuq taghrif li kienet ilha tircevi, rrompiet gewwa r-residenza ta’ Godfrey Ellul fejn, fost affarijiet ohra, sabet materjalment ammont ta’ kokajina sabiex b’hekk giet sfrattata din l-attivita’ ta’ traffikar da parti ta’ Godfrey Ellul.

Is-sustanza kokajina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u Godfrey Ellul ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Godfrey Ellul sar hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fir-Raba’ Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Godfrey Ellul hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga

msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000), liema piena pekunjarja l-Avukat Generali qieghed jitlob li ghandha titqies li hi dejn civili, u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 20, 22(1)(a)(f)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22, 26 u 28 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u fl-artikoli 20, 22, 30, 17(b), 23, u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi iddikjarat hati l-akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess perjodu imsemmi fil-kap precedenti, inkluz fid-data ta' meta l-Pulizija rrompiet gewwa r-residenza ta' Godfrey Ellul fi Triq San Gorg, San Giljan, l-istess Godfrey Ellul inqabad fil-fatt fil-pussess xjenti tal-kokajina. Dak il-pussess ma kienx wiehed ghall-uzu esklussiv tieghu, ghax barra milli kien jabbuza minnha, kien hemm persuni ohra gewwa r-residenza li kienu wkoll abbuzaw minnha jew kienu fil-punt li jabbuzaw minnha.

Is-sustanza kokajina hija ikkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u Godfrey Ellul ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Godfrey Ellul sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina li ghalija tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b' xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali akkuza lill-imsemmi Godfrey Ellul hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina li ghalija tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b' xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-

konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, anke jekk tali flus u proprjeta’ tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta’ mobbli jew proprjeta’ immobbli jkunu qeghdin f’xi post barra minn Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23, 22, 20, 17(h) u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi ukoll dejjem fil-perjodu imsemmi fiz-zewg kapi precedenti, Godfrey Ellul kien ukoll jittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis.

Dan it-traffikar kien isir fl-istess post fejn kien ukoll jittraffika fil-kokajina, w, fost persuni ohra li lilhom kien ibiegh ir-raza, kien hemm partikolarment certu Ian Ciantar li, fil-perjodu in kwistjoni, kien diversi drabi bieghelu bi qliegh ir-raza bil-prezz ta’ hamsa u tletin Lira Maltin u gieli anke sittin Lira l-gramma.

Godfrey Ellul ghalhekk irrenda ruhu hati wkoll tar-reat ta’ traffikar fil-medicina perikoluza raza mehuda mill-pjanta cannabis.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Godfrey Ellul hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis specifikata fit-Tielet Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-

Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 22, 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi iddikjarat hati l-akkuzat.

4) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba’ Kap illi fl-ahharnett, fil-perjodu li fuqu jitratta dan l-att ta’ akkuza, Godfrey Ellul, kull darba li kien jittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis, wara li jkun ipprokuraha w akkwistaha minghand haddiehor, kien ikun fil-pussess xjenti tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis.

L-ahhar darba li kien materjalment fil-pussess tar-raza kien proprju dak inhar tal-15 ta’ Lulju, 2002, u cioe’ meta l-Pulizija dahlu minghajr pre-avviz fil-fond minnu okkupat u qabduh b’kwantita’ ta’ raza fil-pussess u taht il-kontroll tieghu.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Godfrey Ellul sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghalija tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond

id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b' xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Godfrey Ellul, hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li ikollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a)(b), 10(1), 12,

14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23, 20, 17(b)(h), 22 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih bi b'sebgha (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat hati tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lill-akkuzat hati tat-Tieni, tat-Tielet u r-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Godfrey Ellul hati talli :

1) fil-perjodu ta' bejn Dicembru 2001 u s-16 ta' Lulju 2002, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dana skond l-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza;

2) fil-perjodu ta' bejn Dicembru 2001 u s-16 ta' Lulju 2002 kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, (1939) (Kap.101), meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (1939) (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni

d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b' xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b' dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dana skond it-tieni kap tal-Att tal-Akkuza.

3) fil-perjodu ta' bejn Dicembru 2001 u s-16 ta' Lulju 2002, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis specifikata fit-Tielet Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, w dana skond it-tielet kap tal-Att tal-Akkuza.

4) fil-perjodu ta' bejn Dicembru 2001 u s-16 ta' Lulju 2002, kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, (1939) (Kap.101), meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (1939) (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b' xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-

droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b' dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu w dana skond ir-raba' kap tal-Att tal-Akkuza.

Semghet ix-xhieda tal-Assistent Kummissarju Paul Debattista, tas-Supratendent Neil Harrison u tad-Direttur tal-Habs Supratendent Sandro Gatt.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensuri dwar il-piena;

Qieset is-sottomissjonijiet **kollha** dwar il-piena maghmula mill-abbli difensur, Dr. Joseph Brincat li jinsabu kollha registrati w senjatament, <u>imma mhux biss</u> , is-segwenti :-

1. Illi mill-provi li nstemghu f'dan il-guri ghalkemm il-gurati kkonkludew li teknikament kien hemm ir-reat ta' traffikar tad-droga kokajina w tar-raza tal-cannabis, zgur li ma rrizultax li l-hati kien bniedem li jinnegozja f'dawn is-sustanzi w ghalkemm id-difiza ma setghetx tinvoka l-artikolu 22(9) tal-Kap. 101, l-istess Avukat Generali fl-Att tal-Akkuza kien semma li mod wiehed kif kien jittraffika d-droga l-hati kien billi jaqsamaha ma' haddiehor;
2. Illi l-persuni li kienu nvoluti ma kienux zaghzagh f'dan il-kaz;
3. Illi l-tant il-hati ma kienx negozjant tad-droga illi huwa tkisser kemm fizikament kif ukoll billi rrovina l-patrimonju kollu li kien wiret minn ghand missieru, w ghalkemm kien hemm perjodu ta' xi hames snin li fih martu kienet irrnexxielha trazznu,  kien rega' waqa' ghall-vizzju tal-konsum tal-kokajina li ilu ghaddej bih xi hamsa w ghoxrin sena;
4. Illi ghalkemm ma kienx japplika l-artikolu 29 tal-Kap. 101,  mix-xhieda li taw l-ufficjali tal-Pulizija w l-ufficjal tal-habs kien jidher li hemm certu sinjal ta' irkupru da parti tal-hati w t-"tests" tal-urina tieghu li kienu jittiehdu fil-habs kemm ilu hemm dejjem irrizultaw fin-negattiv.  Il-Qorti riedet tikkonsidra wkoll l-istat tas-sahha tal-hati li minkejja fih anki l-jum ta' qabel, minkejja li hassu hazin,  xorta wahda hareg mill-isptar halli jitkompla l-guri.

Ghalhekk talab li l-Qorti taghmel gustizzja temperata bil-hniena.

Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara li ghalkemm kien jaqbel li l-hniena kienet parti mill-gudizzju, f'dan il-kaz il-hati kellu hafna kundanni mill-Qrati ghall-pussess tad-droga kokajina w sahansitra f'sentenza minnhom instab hati mill-Qorti tal-Appell Kriminali ta' pussess tad-droga f' cirkostanzi tali li juru li dik id-droga ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu w kien gie kkundannat ghal disa' snin prigunerija li ghadu qed jiskonta sal-lum. Minn dan jidher li kien il-habs biss li zammu milli jkompli ghaddej mill-abbuz tad-droga minkejja d-diversi opportunitajiet li kienu tawh il-Qrati.

Jekk umbaghad il-hati tkisser fizikament u finanzjarjament dan kollu gabu b'idejh u kif jinghid bit-Taljan *"Chi e' causa del suo mal, pianga se stesso".* Inoltre barra li ghamel hsara lilu nnifsu l-hati ghamel hafna hsara lil haddiehor. F'dan il-kaz kien hemm zewg tfajliet Russi li jidher li kien qed irressaqhom ghall-abbuz tad-droga ghall-iskopijiet immorali tieghu. Kien hemm ukoll l-anzjan Chappelle li rrovina ruhhu bil-flus li hallas lill-hati.

F'din il-kawza l-hati ghandu zewg dikjarazzjonijiet ta' htija ta' traffikar ta' zewg tipi ta' drogi u fil-kaz tat-Tielet Kap li jirrigwarda t-traffikar tar-raza tal-cannabis hemm involuta kwantita kbira ta' 1223 grammi li kellha valur ta' madwar erbat elef lira w din zgur li kienet ser tinxtered fost is-socjeta' Maltija.

Il-hati kellu l-fama li kien il-*"king"* tal-kokajina f'Malta w minkejja l-kundanni ripetuti mill-Qrati kompla, kompla w kompla jisfida l-ligi sakemm spicca fejn wasal illum.

F'dan il-kaz il-verdett ta' htija fuq tlitt Kapi kien ta' tmin (8) voti kontra wiehed u cioe' kwazi unanimu.

Ghalhekk il-piena riedet tirrispekja l-gravita' tal-kaz.

Ikkonsidrat

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata seduta stante mid-difiza li minnha jirrizulta li apparti reati ta' traffiku, l-hati ghandu tmin kundanni ghall-pussess semplici tad-droga kokajina w sahansitra kundanna mill-Qorti tal-Appell Kriminali ghal pussess aggravat tad-droga eroina w pussess semplici tad-droga kokajina w kien gie kkundannat ghal disa' snin prigunerija.

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li t-Tieni Kap ghal fini ta' piena huwa assorbit fl-Ewwel Kap u r-Raba' Kap huwa assorbit fit-Tielet Kap a tenur tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali peress li r-reati kontemplati fit-Tieni w fir-Raba' Kap servew bhala mezz biex setghu jigu kommessi r-reati msemmija fl-Ewwel u fit-Tielet Kap rispettivament.

Illi skond l-artikolu 22 (2) (a) (i) tal-Kap.101 , il-piena ghall-htija riskontrata taht l-erba' kapi tal-att ta' l-akkuza li taghhom Ellul instab hati hija dik ta' prigunerija ghall-ghomor ghal kull Kap, izda, skond il-proviso (aa) tal-istess sub-inciz, meta l-Qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, l-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjali, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat, u c-cirkostanzi l-ohra tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, jew meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu (proviso (bb) ), il-Qorti **tista**' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira ghal kull Kap, s'intendi bl-applikazzjoni tar-regoli tal-konkors tal-pieni skond l-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali.

Fil-waqt li l-Qorti hadet il-fatturi kollha msemmija mill-Avukat Difensur favur l-akkuzat, mill-banda l-ohra, ma tistax tinjora l-fatt li b'eghmilu l-hati, kien qed ixerred il-qerda fost persuni ohra, b'mod li kien qed jghin biex ikompli jgib rovina fis-socjeta' li kull ma jmur aktar qed tinhakem bil-mewga qerrieda tad-droga. Il-kwantita' tad-droga raza tal-cannabis li l-hati rrizulta li kellu fil-pussess tieghu kienet wahda sostanzjali.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a)(b), 9, 10(1), 12, 14, 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(aa)(bb)(3A)(c)(d), 26 u 28 tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u l-Artikoli 17(b)(h), 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Godfrey Ellul ghall-piena ta' tmintax (18) il-sena prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom - u ghall-multa ta' tmintax il-elf liri Maltin (LM 18,000), li jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti fi tmintax (18) il-xahar prigunerija skond il-ligi vigenti w applikabbli, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' mitejn u sitta w disghin liri Maltin u hamsa w sebghin centezmi (LM 296.75) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji nkorsi f'dan il-process a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali w tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati ;

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li xi droga li tista' tkun esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li tali droga u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------